



23.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta
Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2173(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Vlad Gheorghe

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' s-sejba tal-Qorti tal-Awdituri li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (l-“Impriża Konġunta”) għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Ifaħħar it-tnedija tal-programm Avjazzjoni Nadifa fl-2022, b'finanzjament ipproġettat ta' EUR 4,1 biljun, li mistenni jibqa' għaddej sal-2031;
3. Jirrikonoxxi li l-Impriża Konġunta fl-2022 mexxiet żewġ programmi: il-programm Clean Sky 2 (“CS2”) b'kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE ta' EUR 1 755 miljun u l-programm Avjazzjoni Nadifa b'kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE sa EUR 1 700 miljun;
4. Jinnota li skont ir-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, il-baġit finali tal-Impriża għall-2022 kien ta' EUR 411,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 415,3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament (it-Titolu V mhux użat inkluż);
5. Ifaħħar il-fatt li l-Impriża Konġunta kellha rata ta' implimentazzjoni ta' 100 % għall-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-2022 u 89 % għall-appropriazzjonijiet ta' pagament;
6. Jinnota li r-rata ta' implimentazzjoni għall-baġit tal-pagamenti amministrattivi tal-Impriża Konġunta (Titolu 2) kienet baxxa ta' 54 %; kif deskritt fir-rapport tal-Impriża Konġunta dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja, dan kien primarjament attribwit għall-forniment ta' servizzi tal-IT u tal-komunikazzjoni fl-aħħar kwart tal-2022 u li għandhom jitħallsu fl-2023, u l-kostijiet imnaqqsa għas-servizzi pprovduti mill-Kummissjoni; jappella għal ippjanar strateġiku biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati u tissaħħaħ l-effiċjenza tal-użu tal-baġit intiż għall-pagamenti amministrattivi;
7. Jinnota li l-Impriża Konġunta rrapportat kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operattivi b'valur ta' EUR 2 194 miljun għall-programm CS2 u mill-inqas EUR 2 400 miljun għall-programm Avjazzjoni Nadifa; l-Impriża ċċertifikat kontribuzzjonijiet *in natura* kumulattivi għal attivitajiet addizzjonali għal EUR 1 218,5 miljun minn total irrappurtat ta' EUR 1 376,1 miljun;
8. Jilqa' l-ewwel sejħa miftuħa għal proposti mill-Impriża Konġunta, li rriżultat f'19-il Ftehim ta' Għotja sa tmiem is-sena, li b'kollox jammontaw għal EUR 654 miljun, madwar tlett assi prinċipali: inġenji tal-ajru reġjonali elettriċi ibridi, inġenji tal-ajru li jaħdmu bl-idroġenu u inġenji tal-ajru ultraeffiċjenti fuq medda qasira u medja; is-sejħa kienet tinkludi 14-il suġġett li jkopru 13-il Azzjoni ta' Innovazzjoni u Azzjoni ta' Appoġġ għall-Koordinazzjoni waħda; b'kollox intgħażlu 244 parteċipant minn 24 pajjiż differenti;
9. Jilqa' l-20 proġett biex l-avjazzjoni tiġi ggwidata lejn futur sostenibbli; jinnota li s-sejħa ġabret flimkien firxa wiesgħa ta' sħab pubbliċi u privati, ċentri ta' riċerka u akkademiċi

biex jinstabu soluzzjonijiet li jħallu impatt u li jirriżultaw f'inġenji tal-ajru sostenibbli u futur tal-avjazzjoni newtrali għall-klima b'baġit ta' EUR 654 miljun f'finanzjament ta' għotjiet tal-UE;

10. Jilqa' l-fatt li f'Settembru 2022, l-Avjazzjoni Nadifa saret membru fundatur tal-Alleanza għall-Avjazzjoni b'Emissjonijiet Żero (AZEA) li tlaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati mis-settur ajrunawtiku kollu biex tappoġġja l-introduzzjoni ta' inġenji tal-ajru li jaħdmu bl-idroġenu u dawk elettriċi;
11. Jinnota t-tranżizzjoni tal-programm CS2 għall-fażi ta' twettiq u jirrikonoxxi ż-żieda fl-ammont ta' xogħol fl-2022 minħabba l-ġestjoni simultanja ta' diversi proġetti CS2 flimkien mat-tnedija tal-programm Avjazzjoni Nadifa;
12. Jinnota studju indipendenti li żvela benefiċċju soċjoekonomiku stmat ta' EUR 8,6 biljun għall-Programm Europe from Clean Sky 2; jenfasizza wkoll is-sejbiet tal-istudju li l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni (SRIA) tal-programm Avjazzjoni Nadifa hija kemm "reżiljenti" kif ukoll "adatta għall-iskop"; jirrimarka li dan japplika anke f'firxa wiesgħa ta' xenarji ekonomiċi possibbli, żviluppi potenzjali u bidliet strutturali fis-sistema tal-avjazzjoni;
13. Ifaħħar il-progress fir-R&I, b'mod partikolari l-manifattura tal-magni u t-teknoloġiji tal-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) u jitlob li tiġi intensifikata r-riċerka biex tikkontribwixxi għall-ekoloġizzazzjoni tal-avjazzjoni; ihegġegħ lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament għall-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda; jappella ukoll li jiġu pprovduti inċentivi għall-produzzjoni tas-SAF biex jippermettu l-produzzjoni f'ekonomija ta' skala u l-użu ġenerali mis-suq tal-fjuwils sostenibbli;
14. Jappella biex ikun hemm biżżejjed investiment fir-R & I għal inġenji tal-ajru futuri bħal arkitetturi tal-inġenji tal-ajru ultraeffiċjenti – bl-użu ta' sistemi ta' propulsjoni termali integrati ħafna u ultraeffiċjenti u li jipprovdu titjib fixkiela fl-effiċjenza tal-fjuwil; jinnota li dan se jkun essenzjali għat-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet baxxi/zero (fjuwils sintetiċi, fjuwils li mhumiex ta' sostituzzjoni bħall-idroġenu);
15. Jenfasizza li nofs is-snin 2030 se titfaċċa ġenerazzjoni ġdida ta' pjattaformi ta' inġenji tal-ajru kbar li jimmiraw lejn titjiriet sostenibbli u newtrali għall-klima; filwaqt li l-arkitetturi tal-enerġija ibrida/elettrika u d-disinji tal-inġenji tal-ajru ultraeffiċjenti se jwittu t-triq lejn avjazzjoni newtrali għall-klima fuq rotot ta' inqas minn 1 000 km, l-inġenji tal-ajru għal distanzi klassiċi ta' medda qasira u medja jiddependu fuq teknoloġiji ta' propulsjoni ultraeffiċjenti bbażati fuq l-enerġija termali li jużaw fjuwils sostenibbli ta' sostituzzjoni u dawk li jużawhomx biex jippermettu titjiriet newtrali għall-klima; il-kunċetti l-ġodda tal-inġenji tal-ajru u tal-propulsjoni se jippermettu tnaqqis fil-ħoss mis-sorsi u proċeduri ta' titjir b'livell baxx ta' ħoss;
16. Jappella biex tiġi estiża u promossa l-integrazzjoni tal-ktajjen tal-valur tal-innovazzjoni u r-riċerka fis-settur tal-avjazzjoni newtrali għall-klima, inklużi l-akkademja, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-industrija u l-SMEs, billi jittieħed vantaġġ mit-tħaddim ta' sinerġiji ma' programmi nazzjonali u Ewropej relatati oħrajn u billi tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tal-ħiliet relatati mal-industrija tul il-katina tal-valur;
17. Jilqa' l-fatt li r-riżultati tal-awditu *ex post* fl-2022 kellhom rata ta' żball rappreżentattiva

ta' 1,56 % u li r-rata ta' żball residwu korrispondenti kienet ta' 0,43 %, li baqgħet ferm taħt il-livell limitu fil-mira ta' 2 %;

18. Jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-Impriża Konġunta biex ittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri fl-operazzjonijiet tagħha; filwaqt li jirrikonoxxi l-isfidi speċifiċi ppreżentati min-natura teknika tal-oqsma ta' prijorità tagħha, jisħaq fuq l-importanza ta' titjib kontinwu fil-promozzjoni tad-diversità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
19. Jirrikonoxxi li s-segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-2021 tal-Qorti tal-Awdituri rigward l-użu ta' persunal interim għadu sospiż; iħeġġeġ lill-Impriża ssolvi minnufih din il-kwistjoni;
20. Jipproponi li l-Parlament jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża għall-implimentazzjoni tal-baġit għall-2022.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f' dan l-Anness f' konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 -: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, Izaskun Bilbao Barandica, Ciarán Cuffe, Karima Delli, Carlo Fidanza, Mario Furore, Isabel García Muñoz, Elsi Katainen, Kateřina Konečná, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Tomasz Piotr Poręba, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Thomas Rudner, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Markus Ferber, Vlad Gheorghe, Roman Haider, Pär Holmgren, Ljudmila Novak, Dorien Rookmaker
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Viola von Cramon-Taubadel

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

33	+
ECR	Carlo Fidanza, Peter Lundgren, Tomasz Piotr Poręba, Dorien Rookmaker
NI	Mario Furore
PPE	Magdalena Adamowicz, Markus Ferber, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Ljudmila Novak, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Vlad Gheorghe, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet
S&D	Andris Ameriks, Isabel García Muñoz, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Thomas Rudner, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov
The Left	Kateřina Konečná
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Karima Delli, Pär Holmgren, Tilly Metz, Viola von Cramon-Taubadel

0	-

2	0
ID	Roman Haider, Philippe Olivier

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni